# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru wieħed (1) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċevejna l-ebda risposta minn Transport Malta rigward ir-rikwest għal bus stage ta' quddiem Barbara Press fit-triq Vjal ix-Xarolla [ref punt nru. 3.3].

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għal update rigward il-qtugħ tal-ħaxix madwar ir-raħal. Is-Sindku qal illi waqfu minn dan ix-xogħol peress illi kelna bzonn il-ħaddiema għal xogħolijiet oħrajn waqt l-attivitajiet tal-Milied. Żied illi x-xogħol fuq il-qtugħ tal-ħaxix tkompla mill-ġurnata tas-seduta [ref. punt nru. 3.4].

3.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-injama tal-iswing ma ġietx imsewwija [ref punt nru. 3.6]. Is-Sindku qal illi x-xogħol kellu jsir izda bdiet tinzel ix-xita u għalhekk ix-xogħol ma sarx.

3.4 Is-Sindku qal illi 2 bozzoz minn dawk li xtrajna għall-entratura tal-iskola, għan-naħa tal-librerija, ma jaħdmux [ref punt nru. 3.7]. Qal ukoll illi għandu l-ħsieb illi jagħmel floodlights. Wara suġġeriment mill-kunsillier Publius Abdilla biex isir sensor minflok, kulħadd qabel illi nġibu kwotazzjonijiet għas-sensors.

3.5 Is-Sindku qal illi l-ħaddiema se jduru s-sinjali li hemm biż-żebgħa li mhumiex adattati għal-bżonn tar-residenti [ref punt nru. 3.8]. Qal ukoll illi hemm linji kontroversjali f'triq id-Dolmen fejn jemmen illi nistgħu nħallu l-tlett postijiet tal-parkeġġ illi hemm imma ntawlu l-linji. Qal ukoll illi hemm bankina għolja ħafna fejn St.Paul's Dental Clinic u meta jipparkjaw hemm jħabtu l-bieba tal-karozza meta jiftħu biex jinżlu. Għamel talba biex nirranġaw il-bankina u l-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir.

3.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-Kumitat Sportiv beda jiltaqa [ref punt nru. 3.9] fil-kamra tal-kompjuters tal-Kunsill. Qal ukoll illi ċ-Championship taċ-ċiklizmu se jsir fl-1 ta' Mejju u mhux fl-10 ta' Marzu [ref punt nru. 3.10]. Qal ukoll illi hemm ċans illi din tkun l-aħħar tiġrija qabel il-logħob tal-pajjizi ż-żgħar u għalhekk tkun tellieqa importanti għal dawk illi qegħdin jieħdu sehem biex jiksbu l-punti neċessarji biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjoni tal-pajjiżi ż-żgħar.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Silvio Schembri [Gal Xlokk] bagħat email lil Joseph Caruana illi qed jieħu ħsieb Miżura 125 fejn talab update fuq il-fondi taħt din il-Miżura. S'issa ma rċevejna xejn [ref punt nru. 4.3].

3.8 Is-Sindku qal illi sar ix-xogħol meħtieġ fuq il-ħofra li kien hemm f'triq San Ġużepp [ref punt nru. 6.2].

3.9 Is-Sindku qal illi s-sid tat-Tower Ladder għandu jaqdina malajr kemm jista jkun [ref punt nru 6.3] biex isir ix-xogħol bħal ma kien ġie mitlub fil-laqgħat preċedenti f'triq ta' Rqajja, kif ukoll fuq is-siġar f'tal-Ħlantun. Fl-istess ħin qal illi għandna nżarmaw il-Christmas Tree ta' quddiem il-Kunsill.

3.10 Is-Sindku qal illi m'hemm l-ebda soluzzjoni għall-problema fil-pjazza [ref punt nru 6.4] fejn qed iżomm l-ilma meta tagħmel ix-xita. Għalhekk m'hu se jsir l-ebda xogħol hemmhekk.

3.11 Is-Sindku qal illi rċieva telefonata bejn il-Milied u l-ewwel ta' Jannar minn EneMalta. Huma qalu, rigward il-problema tad-dawl f'tal Ħlantun [fejn bozzoz qegħdin jixgħelu tard ħafna- ref punt nru. 6.6] illi juzaw photocell izda hemm parti bit-timer illi huma ma kienux jafu bih. Id-dawl ma kienx jixgħel għax hemm problema bit-timer. Sadanitant huma kellhom imorru jirranġaw it-timer.

3.12 Il-Minuti tal-Mozzjoni mressaq mill-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla se jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss wara li l-kunsillier Carlo Stivala lmenta li hemm xi punti nieqsa mid-diskors tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv se jisma r-rekording tal-laqgħa biex ikun jista jirranġa l-Minuti.

## 4. Korrespondenza

4.1 Il-kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni f'triq Dun Karm Lia wara li s-sur Gustav Baldacchino għamel talba biex jitneħħew id-double yellow lines f'din it-triq. Is-Sindku qal illi l-istess persuna kien għamel talba biex isiru dawn il-linji peress illi kien hemm minn qed jipparkja quddiem il-garaxxijiet fit-triq, u b'dawn il-linji xorta waħda kien hemm min qed jipparkja llegalment. Is-Sindku qal illi meta l-Kunsill irċieva t-talba biex isiru dawn il-linji kienu qablu li ħa jkun hemm dawn it-tipi ta' problemi imma baqgħu jimxu skond id-domanda tan-nies. Għalhekk jemmen illi mingħajr il-kunsens tal-Kunsill dawn il-linji ma jistgħux jitneħħew u fetaħ is-suġġett għad-diskussjoni.

Il-kunsillier Publius Abdilla ried ikun jaf x'inhuma l-liġijiet tal-linji quddiem garaxxijiet. Qal jekk m'aħniex ċari fuq dawn, għandna nieħdu parir minn Transport Malta.
Is-Sindku qal illi jekk dan il-persuna rċieva multa għax ipparkja fuq double yellow quddiem il-garaxx tiegħu stess. għandu jħallas daqs ħaddieħor. Qal illi dan il-persuna kien għamel it-talba biex isiru dawn il-linji fil-passat.
Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi dawn għamlu suiċidju jekk għamlu rikwest għal double yellow lines qabel. Qal illi l-warden ma jkollux tort illi jagħti ċitazzjonijiet jekk hemm min jħalli l-karrozzi barra il-garaxxijiet tagħhom, jekk qegħdin fuq dawn il-linji. Qal illi Transport Malta tista tgħidilna biex ineħħuhom jekk qegħdin hemm mingħajr permess, u ma tagħmilx sens illi s-sidien tal-garaxxijiet ma jistgħux jipparkjaw quddiem il-garaxx tagħhom stess. Għalhekk qal illi jekk qegħdin hemm mingħajr permess, jaqbel illi għandhom jitneħħew. Flimkien mas-Sindku ppropona li jsir konsultazzjoni ma min għandu garaxx fit-triq. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dejjem hemm ċans illi nofs għandhom ideja waħda, u nofs għandhom ideja oħra u b'hekk nispiċċaw mingħajr soluzzjoni. Is-Sindku jemmen li hemm

bzonn ta’ konsultazzjoni għax m’hu se jagħmel l-ebda differenza lil Kunsill jekk dawn il-linji jibqgħu jew le, imma huma r-residenti stess illi se jiġu affetwati bid-deċiżjoni.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nagħmlu bħal ma qal f’ċirkostanzi oħrajn fejn ħadna l-parir ta’ Transport Malta.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi bħala sid ta’ garaxx fit-triq, kemm il-darba ikkollu jistenna sakemm jitilqu minn quddiemu biex ikun jista jdaħħal il-karozza. Hu qabel illi jsiru kaxxi sofor minflok double yellow lines biex b’hekk ħadd ma jieħu ticket. Qal illi hemm min xorta se jipparkja hemm imma forsi kaxxi sofor ikunu s-soluzzjoni biex dawn ma jibqgħħux jipparkjaw hemm.
Il-Kunsill qabel illi jsiru dawn il-kaxxi s-sofor.

4.2 Il-Kunsill għandu jħallas €53 għal kull kunsillier u impjegat tal-Kunsill għal Group Health Policy. Dan il-ħlas għandu jsir lil LCA. Fl-istess ħin il-Kunsill għandu jħallas €63 għall-Assikurazzjoni tal-flus lill-istess LCA. Il-Kunsill qabel illi jsiru dawn il-ħlasijiet.

4.3 Il-Kunsill qabel fuq ix-xirja ta’ kamera għal librerija wara li l-Kunsill irċieva kwotazzjoni ta’ €144.43 minn AllSec. Il-Kunsill ma qabilx fuq ix-xirja ta’ kamera għan-naħa ta’ barra, għax wara intervent tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil li ssuġġerixxa li nbiddlu l-ħinijiet tal-ftugħ tal-librerija l-Kunsill qabel illi nieħdu din l-għażla. Il-librara għanda tagħti l-ħinijiet li hi lesta tiftaħ għall-ħinijiet tax-xitwa. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi xorta għandna nibqgħu bil-librerija miftuħa sal-5pm peress illi hemm minn jaħdem wara nofs in-nhar.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna Full Development Permission għaċ-Child Care Centre. Dan il-proġett se jibqa pendenti sakemm il-Kunsill jirċievi fondi.

4.5 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għall-informazzjoni dwar ittra li rċevejna dwar l-area ta’ Ta’ t’Amparell. Is-Sindku qal illi wara dan iż-żmien kollu issa rċevejna l-permess biex inħawlu fil-ġnien.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx mal-ħlas tal-MaltaPost [nos 8] tal-Payment Approval Sheet. Hu qal illi mhux se jaqbel mal-ebda ħlas li għandu jsir għal fuljett illi ħareġ f’Diċembru 2012

[Leħen il-Kunsill] wara li kien hemm risposta għal messaġġ tiegħu fuq karta separata li ma ġietx approvata fil-Kunsill. Għalhekk dan il-ħlas se jsir fuq karta separata biex il-ħlasijiet xorta jistgħu jsiru peress illi l-maġġoranza tal-kunsilliera qablu mal-pagamenti. Il-PAS se jiġi ffirmat fil-laqgħa li jmiss.

**6. Leave tal-impjegati tal-Kunsill/ Performance Bonus tal-impjegati u tas-Segretarju Eżekuttiv**

6.1 Il-kunsilliera qablu li l-impjegati tal-Kunsill jiġġedu l-leave tagħhom li baqalhom minn 2012 fis-sena 2013.

6.2 Il-kunsilliera qablu li l-impjegati kollha jieħdu l-full Performance Bonus.

**7. Ħwejjeġ oħra**

7.1 Is-sur Leo Scicluna, persuna li jibbukja l-grawnd tal-football kull ġimgħa, għamel talba biex hu u sħabu jkollhom prezz irħas peress illi jużaw il-grawnd spiss. Hu qal illi sab post irħas. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal kull għaxar logħbiet dejjem nagħtu waħda b'xejn. Is-Sindku qal illi għandna ntuħ logħba oħra b'xejn izda jkollu jħallas €6.25 lil persuna li jieħu ħsieb il-grawnd. Il-Kunsill approva li naraw jekk dan il-post verament qed joffri prezz aħjar minn tagħna, u jekk iva qablu mas-suġġeriment tas-Sindku.

7.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi beda jiddiskuti ma persuni li huma nterresatti li jirreklamaw fil-grawnd fil-futur. Il-Kunsill beda jiddiskuti kemm għandu jiswa kull tabella, skond il-qies. F'laqgħa preċedenti kienu diġa approvaw illi naċċettaw minimu ta €120 għal tabella. L-istess kunsillier qal ukoll illi għandna nirranġaw l-area fejn is-showers għax jekk jaqgħu plejers f'dak l-area tal-pitch jibqgħu deħlin fit-'technical area' u jistgħu jweġġgħu.

7.3 Il-Viċi Sindku qal illi fit-23 ta' Jannar se jagħti l-powerpoint presentation dwar ir-raħal waqt laqgħa tal-MTA rigward il-proġett tas-Southern Villages. Qal ukoll illi fis-16 ta' Jannar ġejjin nies ta' Island Residance Club [Radisson] fl-10.30am biex iduru mar-raħal għax oġbuhom il-wirt storiku u kulturali tar-raħal. Għamel talba biex kunsilliera jaraw jekk hemm xi gwidi li huma nteressati li jagħmlu xi xogħol fil-

futur. Qal ukoll illi l-MTA issuġerixxu biex isir video ta 2 minuti, u jittieħdu ftit ritratti biex dawn ikunu jistgħu jiġu rreklamati fuq www.VisitMalta.com

7.4 Il-Viċi Sindku qal illi hemm konkorrenza qawwija fil-kors tad-Drama u b'hekk għandna naraw jekk se jżidu l-klassijiet. Il-Kunsill se jagħmel questionnaire biex jaraw x'interess hemm. Il-Kunsill qabel illi nkomplu bil-kors.

7.5 Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn t'Emergency Lights fis-Sala. Is-Sindku qal li ħa parir minn Ironmonger li qal illi dawn id-dwal għandhom lifespan t'inqas minn sena u għalhekk issuġġerixxa li ngħaddu supply tal-iswitches minflok. Il-kunsillier Publius Abdilla qal li jekk tixgħel id-dawl fil-kuritur qabel ma titfi d-dawl tas-Sala, wieħed ikun jista joħroġ mingħajr inkwiet. Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku qal illi xorta nispiċċaw bil-problemi jekk imur id-dawl. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel mal-ideja tas-Sindku għax qabel illi mhux dejjem jaħdmu l-Emergency Lights meta jiġu bzonnhom.

7.6 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nġibu stima biex nagħmlu wireless network fil-ġnien 13 t'April.

7.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nagħmlu attivitajiet għat-tfal f'isem in-Nursery. Qal illi hemm turnament m'erbgħa timijiet oħrajn, izda l-Head Kowċ tagħna ma qabilx illi nippartecipaw. Qal ukoll illi hemm 2 plejers internazzjonali [1 Bulgaru u 1 Malti] illi huma lesti jagħmlu training session fil-grawnd tagħna.

7.8 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm turnament iż-Żurrieq fl-10 ta' Jannar 2013 u talab illi nieħdu sehem [6 a side: U11] u qed jistenna risposta minn Omar. Ried ikun jaf ukoll ir-raġunijiet għalfejn ma dħalniex fil-Gatorade Tournament din is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Head Kowċ qal x'inhuma dawn ir-raġunijiet u se jgħid lil kunsillier eżatt għalfejn ma daħalx it-tim għal dan it-turnaments, kif ukoll xi turnaments oħrajn.

7.9 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi rċieva talba beix isir klassi taz-Zumba barra fil-pjazza [1hr]. Il-Kunsill ikollu joħroġ €25. Il-Kunsill qabel illi kulħadd iħallas €1 lill-għalliema minflok ma jħallas il-Kunsill, u l-bqija tal-flus għandu jkun indirizzat lil karita ta' Breast Cancer Awareness. Aħna għandna nagħtu l-permessi u l-attivita ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

7.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nagħtu highlighted vests lill-ħaddiema ta' barra. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Kunsill kien diġa provda dawn il-vests.

7.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm min qed jitfa kaxxi tal-kartun fil-BIS ta' Qerd in-Naħal. Qal illi l-materjal huwa ta' mekanik u li l-persuna qed jiġi b'van Peugeot.

7.12 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi rċieva talba mis-Superjur biex isir bike stand fuq il-bankina quddiem il-Mużew. Is-Sindku qal illi hekk se titfaħhom quddiem id-djar tan-nies u tkun ta' inkonvenjenza. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi dawn jistgħu jħallu r-roti mal-gate tal-Muzew stess.

7.13 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bozza maqtugħa fit-triq Ta' Ġawhar. Is-Sindku qal illi din ġiet rraportat filgħodu [kif ukoll oħra f'triq il-Kaċċaturi].

7.14 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq l-azzjoni li ħa/du individwu/i fejn ħarġu 2 karti biex jirispondi għall-messaġġ tiegħu fil-fuljett. Hu ried ikun jaf min se jerfa r-responsabilita. Is-Sindku qal illi hu se jerfa r-responsabilita u x-xogħol ma saritx fil-binja tal-Kunsill. Qal illi m'hemm l-ebda dokument tal-Kunsill għax il-firem m'humiex ta' individwi li jagħmlu parti mill-Kunsill. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi s-Sindku ħareġ il-karta fil-laqgħa preċedenti u b'hekk kien diġa f'idejn il-Kunsill. B'hekk qal illi dan kien dokument uffiċjali tal-Kunsill. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dik [id-dokument] ma kinitx talba, izda questionnaire.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li dan kien abbuzz ta' poter u jemmen illi ma kienx xogħol tas-Sindku biss u akkuża l-Viċi Sindku għax jemmen illi kien involut. Fuq dan il-punt is-Sindku reġa refa r-responsabilita u qal li hu daħħal il-karti fil-fuljetti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi b'hekk is-Sindku mar kontra l-Editur u l-Bord Editorjali tal-fuljett.
Il-Viċi Sindku ċaħħad dawn l-akkuzi kontrih. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-Viċi Sindku hu t-tifel ta' persuna li hu konvint illi kien involut fil-frame-up kontriħ ta' 26 snin ilu u li l-Viċi Sindku 'kapaċi', u 'mdorri', u għandu s-sengħa ta' kif jagħmel il-frame-ups għaliex huwa iben min wetaq il-frame-ups. Qal ukoll illi hu ċert illi l-Viċi Sindku kellu x'jaqsam mal-kitba li sar fuqhu fil-karta li tqiegħdet fil-fuljett tal-Kunsill u li m'għandux għalfejn jaħbi minn dan.
Il-Viċi Sindku, Johan Mula, esprima d-diżappunt tiegħu li l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qed idaħħal dawn l-attakki personali, u inġusti, waqt il-laqgħa tal-Kunsill u staqsa lill-kunsillier Busuttil għal provi jekk hu konvint f'dawn l-akkuzi. Reġa kklarifika li hu ma kellux jaqsam mad-distribuzzjoni tal-messaġġ. Is-Sindku reġa kkonferma li hu qed jieħu r-responsabilita fuq dan.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil beda jinsisti li s-Sindku ma ħadimx waħdu waqt illi qal ukoll illi, barra li hu kumpliċi, il-Viċi Sindku missu jistħi jitfaċċja quddiemu wara li ġara fil-passat bejn il-kunsillier u missier il-Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku lmenta li dawn l-akkuzi m'għandhomx jintqalu, u dawn l-affarijiet

personali m'għandhomx ikunu diskussi madwar il-mejda tal-Kunsill. Qal ukoll illi kellu għaxar snin f'1986 u ma jistax jemmen kif hu personali qed jeħel issa fuq suġġett komplitament differenti minn dak li kien qed jiġi diskuss waqt il-laqgħa.

Is-Sindku qal illi se jissospendi l-laqgħa jekk ma jieqfux dawn l-attakki u jekk il-kunsilliera ma jkomplux mexjin mal-Aġenda tal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv semma l-awdjo tal-parti tal-laqgħa fejn is-Sindku qal illi se jirrispondi għall-messaġġ tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil. Ġie nnottat illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil kien ħareġ għal ftit sekondi meta s-Sindku kien qal illi se jirrispondi għall-messaġġ ta' dan il-kunsillier. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma kinitx etika li sar hekk.

7.15 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi inqalgħet sleeping policeman u għandna nagħmlu rapport lil pulizija. Fuq dan il-punt is-Sindku qal illi xi ħadd zbalja u s-Sindku talab lill-persuni tal-madwar jekk jafu minn qalagħha jgħidulu, jew ippoġġuha, fejn il-garaxx tal-Kunsill.

**8. Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fl-22 ta' Jannar 2013.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |